MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 2124/2003

**Antonio Basile**

**Vs**

**Anthony Borg**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-hlas ta’ Lm946.88c (disa’ mija u sitta w erbghin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu) rapprezentanti bhala prezz ta’ mercia (oggetti ta’ fidda) mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn ikkonferma li l-ammont huwa dovut izda jghid li bejn il-partijiet kien hemm ftehim ta’ *pagament dilatorju* u ghaldaqstant l-ammont ma kienx kollu dovut f’daqqa. Jghid ukoll li l-attur naqas milli jersaq sabiex jircievi pagament.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema' x-xhieda ta' l-attur Antonio Basile, Pauline Basile Pace u tal-konvenut Anthony Borg.

Ra li l-attur xehed li l-ammont dovut lilu huwa ta' Lm693.18c (sitt mija u tlieta u disghin lira Maltin u tmintax-il centezmu) u mhux Lm946.88c (disa' mija u sitta w erbghin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu).

Illi l-konvenut mhux qed ighid li l-ammont mhux dovut izda li kien hemm ftehim li hu jhallas:

"xi erbghin jew hamsin lira fil-gimgha".

Illi huwa l-konvenut li jrid jipprova l-allegazzjoni tieghu li kien hemm ftehim ta' *pagament dilatorju*.

Illi l-konvenut ma ressaqx provi konvincenti dwar dan. Qal li kien ihallas certu ammont fil-gimgha izda ma qalx li kien hemm ftehim dwar dan. Il-fatt li qabel l-attur ma nsistiex biex jithallas kollox f'daqqa ma jfissirx li hemm ftehim dwar *pagament dilatorju*.

Illi f'kull kaz il-konvenut kellu bizzejjed zmien biex ihallas l-ammont dovut kieku dam ihallas bil-Lm50 (hamsin lira Maltin) fil-gimgha mid-data li waqaf ihallas sad-data prezenti. Il-konvenut ma jistax jippretendi li ghandu dritt li jieqaf ihallas ghaliex l-attur beda dawn il-proceduri. Il-konvenut lanqas ddepozita l-flus il-Qorti.
Ghaldaqstant jilqa' t-talba ta' l-attur u jikkundana lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' Lm693.18c (sitt mija u tlieta u disghin lira Maltin u tmintax-il centezmu). Billi t-talba attrici kienet ghall-ammont ikbar meta fi zmien it-talba fil-fatt kien hemm dan l-ammont ta' Lm693.18c (sitt mija u tlieta u disghin lira Maltin u tmintax-il centezmu) biss dovut kull parti ghandu jhallas l-ispejjez tieghu. Bl-imghax mid-data tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------